MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1896/1999/1

**John Platts.**

**-vs-**

**Kuraturi Deputati Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici nominati b'digriet ta' l-4 ta' Marzu, 1998 u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' April, 2001, is-soċjeta' Fogg Insurance Agency Ltd assumiet l-atti u ssostitwiet lill-Kuratur Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici sabiex jirrapreżentaw l-eredi mhux magħrufa u assenti tal-mejjet Neil Cook.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-citazzjoni ppreżentata fis-27 ta' Frar, 1998 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fil-11 ta' Awissu, 1996 f'xi 2.30 am f'Kennedy Drive, San Pawl il-Baħar, waqt li Neil Cook kien qed isuq vettura Fiat 850 numru G-2131 bi traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, huwa ħabat mall-vettura Honda Civic numru W-3462 misjuqa mill-attur John Platts;

Illi għal dan l-inċident, li fih korra l-attur John Platts, kien unikament responsabbli l-konvenut, u dana minħabba traskuraġni, imprudenza, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jiġi pruvat u spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi b'konsegwenza ta' tali inċident l-attur sofra danni inġenti, konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, kompriżi grieħi fuq il-persuna tiegħu, li hu għadu sallum isofri minnhom tant li llum isofri minn disabilita permanenti fil-grad ta' ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) bħal ma ġie ċċertifikat mit-tabib kirurgu Raymond Gatt u kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u spejjeż anċillari oħra, inklużi spejjeż ta' kura medika u mediċinali u telf ta' xogħol, negozju u konsegwentei profitt u wkoll telf ta' paga;

Illi għalkemm interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti mill-attur b'riżultat ta' l-inċident imsemmi, l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Neil Cook kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fil-11 ta' Awissu, 1996 f'Kennedy Drive, San Pawl il-Baħar meta waqt li Neil Cook kien qed isuq vettura Fiat 850 numru G-2131 bi traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, huwa ħabat mall-vettura Honda Civic numru W-3462 misjuqa mill-attur John Platts u għad-danni li sofra l-istess attur John Platts;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opra ta’ Periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tad-29 ta’ Jannar, 1998 u ta’ ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma’ din iċ-ċitazzjoni kontra l-assikurazzjoni ta’ Neil Cook, kontra l-istess konvenuti li jibqgħu minn issa ġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici ppreżentata fit-12 ta’ April, 2000 li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawża.

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta’ April, 2001 li permezz tagħha s-soċjeta’ Fogg Insurance Agency Limited issostitwiet lill-kuraturi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2005 u dawk sussegwenti li permezz tagħhom il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet.

Rat ir-rikors tas-soċjeta’ konvenuta tas-26 ta’ Jannar, 2006 li bih talbet li din il-Qorti tikkonsidra l-fatt li l-attur miet fit-18 ta’ Diċembru, 2005 u l-opposizzjoni tad-difensur ta’ l-attur.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara inċident stradali. Is-soċjeta' konvenuta assikuratriċi tal-konvenut ma hijiex tikkontesta r-responsabilita' iżda qed tikkontesta d-danni. Dan għaliex skond is-soċjeta' konvenuta l-attur mhux biss ma kienx qed jaqla' flus fis-snin ta' qabel l-inċident iżda addirittura kien qed jitlef il-flus minn negozju li kien qed jagħmel. L-attur da parti tiegħu ressaq il-prova ta' l-*accountant* tiegħu Joseph Schembri illi kien hem previżjoni ta' qligħ fil-futur wara li kien ħa self minn Bank lokali biex isostni l-attivita' kummerċjali tiegħu.

Il-Qorti ma tistax taċċetta daqshekk leġġerment il-previżjoni ta' qligħ tax-xhud imsemmi. L-attur ma kellux storja feliċi fin-negozju u dan hu indikat mill-fatt li kellu t-telf fis-snin ta' qabel seħħ l-inċident. Il-Qorti ssibha diffiċli biex temmen li persuna li dak iż-żmien kellha ċirka ħamsin (50) sena kienet se tagħmel dak li ma rnexxilhiex tagħmel sa dakinhar.

Fl-istess ħin il-Qorti ma tistax taħsel idejha u ma takkordax danni sempliċement għaliex l-attur kien qed jagħmel it-telf. Kieku wieħed jargumenta hekk lanqas jiġu akkordati danni f'każ ta' mewt ta' persuna f'din is-sitwazjoni u allura wieħed jikkonkludi li l-ħajja umana ma għandha ebda valur. L-istess is-saħħa ta' bniedem għandha tiġi mogħtija valur purke' il-Qorti għandha tieħu kollox in konsiderazzjoni – anke l-fatt li l-attur miet fil-mori tal-kawża kif sfortunatament ġara f'dan il-każ.

Għalhekk anke jekk il-prinċipji stabbiliti mis-sentenza Butler vs Heard (Qorti ta' l-Appell - 1967) ma jistgħux strettament jigu osservati, il-Qorti dejjem tista' f'ċerti ċirkostanzi takkorda d-danni *arbitrio boni viri* kif osservat din il-Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited (1560/95 PS) meta qalet; "*Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema ta' liġi tagħna l-poter*

*diskrezzjonali illi jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Indiskutibilment il-ġudikant ma jistax lanqas f'dawn il-każi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti*

*m'hijiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fatti li tkun taf bihom għall-iskop a' determinazzjoni ta' telf. Minn naha tiegħu l-gudikant hu tenut jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwisiti fil-proċess.* Il-Qorti f'din is-sentenza, mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2004 iċċitat ukoll sentenzi riportati fil-Vol XXXV pt iii paġna 615 u Vol XXIX-i-1285.

F'dan il-każ il-periti addizjonali indikaw disabilita' ta' għoxrin fil-mija wara li l-ewwel perit mediku indika ħmistax fil-mija (15%) anke wara li sar eżami ulterjuri minn wieħed minnhom Mr Cħarles Sciberras; l-attur kellu ċirka ħamsin (50) sena meta seħħ l-inċident u miet ta' sittin sena u għalhekk sofra minn din id-disabilita' fl-aħħar għaxar snin ta' ħajtu. Żgur għalhekk li għalkemm ma ġabx prova ta' qligħ minn negozju li kellu, kieku kien impjegat kien jipperċepixxi għall-inqas salarju ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) fis-sena. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti se takkorda s-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) bhala danni.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) lill-attur. L-ispejjeż tal-kawża eċċetto dawk tat-tieni rapport ta' Mr Sciberras illi għandu jbatihom l-attur, għandhom jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------